



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13517/23

SOC 647
ANTIDISCRIM 168
GENDER 187
JAI 1231
FREMP 265
COHOM 195
EDUC 374

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13167/23	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Miżuri biex jiġi żgurat aċċess ugwali għar-Rom għal akkomodazzjoni adegwata u mhux segregata, u biex jiġu indirizzati l-insedjamenti segregati

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq approvati mill-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Ottubru 2023.

Miżuri biex jiġi żgurat aċċess ugwali għar-Rom¹ għal akkomodazzjoni adegwata u mhux segregata, u biex jiġu indirizzati l-insedjamenti segregati²

Konklużjonijiet tal-Kunsill

FILWAQT LI JFAKKAR LI:

1. Skont l-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.
2. Skont l-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-orijini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali għandha tkun projbita.

FILWAQT LI JFAKKAR:

3. Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE, li tistabbilixxi qafas għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' orijini razzjali jew etnika sabiex tiżgura trattament ugwali fl-UE fl-oqsma tal-impjieg, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali (inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa), il-vantaġġi soċjali u l-aċċess għal u l-provvista ta' prodotti u servizzi, inkluż l-akkomodazzjoni.

¹ Filwaqt li jirrikonoxxi d-diversità li teżisti fost ir-Rom, it-terminu "Rom" jintuża bħala terminu ġeneriku biex jirreferi għal għadd ta' gruppi differenti ta' orijini Romani bħar-Rom, is-Sinti, il-Kalés, iż-Żingari, ir-Romanichels u l-Boyash/Rudari. Jiġbor fih ukoll gruppi bħall-Ashkali, l-Eġizzjani, il-gruppi tal-Lvant (inkluż id-Dom, il-Lom, ir-Rom u l-Abdal), kif ukoll popolazzjonijiet li jivvjaġġaw, inkluż it-Travellers etniċi, il-Yenish jew daww iddeżinjati bit-terminu amministrattiv "Gens du Voyage", u persuni li jidentifikaw lilhom infushom bħala Żingari, Tsiganes jew Tziganes, mingħajr ma jiċħad il-karatteristiċi speċifiċi ta' daww il-gruppi.

² Għall-fini ta' dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, "insedjamenti segregati" huma kwartieri foqra u insedjamenti ta' akkomodazzjoni ta' standard inferjuri ta' natura informali u stabbli, b'iżolament fiżiku, funzjonali u/jew soċjali, fejn il-kundizzjonijiet oġġettivi relatati mal-akkomodazzjoni, il-faqar u l-aċċess għad-drittijiet u s-servizzi pubbliċi huma agħar b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-bqija tal-popolazzjoni.

4. Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali,³ li tiddikjara li r-razziżmu u l-ksenofobija huma ksur dirett tal-prinċipji tal-libertà, tad-demokrazija, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt, prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea u li huma komuni għall-Istati Membri.
5. Id-Direttiva 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, li tiddikjara li l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex itejbu jew iżommu l-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għal kulħadd, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli u emarġinati.
6. Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom (2021), il-Kunsill ħeġġeġ lill-Istati Membri biex isaħħu l-isforzi biex itejbu l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tar-Rom.
7. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-"Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" ppreżentati mill-Kummissjoni. B'mod speċifiku, il-Prinċipju 19 tal-Pilastru jirreferi għall-akkomodazzjoni u l-għajnuna għall-persuni mingħajr dar, u jistipula li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew għajnuna għall-akkomodazzjoni ta' kwalità tajba għandu jiġi pprovdut għal dawk fil-bżonn; li persuni vulnerabbli għandhom id-dritt għal għajnuna u protezzjoni xierqa kontra t-tkeċċija sfurzata; u li għandhom jiġu provduti kenn u servizzi adegwati lill-persuni mingħajr dar sabiex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali tagħhom. Il-prinċipju 20 tal-Pilastru jirreferi għall-aċċess għal servizzi essenzjali, u jispeċifika li kulħadd għandu d-dritt li jaċċessa servizzi essenzjali ta' kwalità tajba, inkluż l-ilma, is-sanità, l-enerġija, it-trasport, is-servizzi finanzjarji u l-komunikazzjoni diġitali, u jistipula li għandu jkun hemm appoġġ għall-aċċess għal dawn is-servizzi għal dawk fil-bżonn.

³ ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55.

8. Ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar il-persuni Rom;⁴ inkluż b'mod partikolari r-Riżoluzzjoni tiegħu dwar is-sitwazzjoni tal-persuni Rom li jgħixu f'insedjamenti fl-UE (2022).
9. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Unjoni ta' ugwaljanza: Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025".
10. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Unjoni ta' ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteciġazzjoni" u b'mod partikolari l-oġettiv ewlieni 7 tiegħu: "Jiżdied l-aċċess effettiv ugwali għal akkomodazzjoni adegwata desegregata u għas-servizzi essenzjali".
11. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Unjoni ta' ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025," li tindika li n-nisa jistgħu jiffaċċaw "diskriminazzjoni abbażi ta' diversi karatteristiċi personali". In-nisa Rom, b'mod partikolari, jistgħu jiffaċċaw diskriminazzjoni abbażi tas-sess tagħhom kif ukoll tal-orijini razzjali jew etnika tagħhom.
12. Id-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, iffirmata fil-21 ta' Ġunju 2021 minn rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE, tal-Istati Membri, tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tal-Komitat Ewropew tar-Reġjuni u tas-soċjetà ċivili, u li tippromwovi politiki msejsa fuq approċċ integrat bil-persuni u bl-akkomodazzjoni fil-qalba tiegħu.
13. Il-qafas legali tal-Kunsill tal-Ewropa għall-protezzjoni tal-minoranzi u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-prattika manifestament diskriminatorja tas-segregazzjoni tar-Rom.
14. L-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli, u speċjalment l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) 1 ("Ebda Faqar"), 10 ("Inqas Inugwaljanzi") u 11 ("Bliet u Komunitajiet Sostenibbli").

⁴ ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 112; ĠU C 468, 15.12.2016, p. 36; ĠU C 449, 23.12.2020, p. 2; u ĠU C 385, 22.9.2021, p. 104.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

15. Il-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll fatturi oħra bħan-nuqqas ta' miżuri ta' politika jew investiment sinifikanti, id-disponibbiltà limitata u l-kwalità fqira tal-akkomodazzjoni soċjali, id-diskriminazzjoni fis-suq tal-akkomodazzjoni, u s-segregazzjoni, wasslu biex id-distakk fl-aċċess għall-akkomodazzjoni bejn gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, fosthom ir-Rom, u l-bqija tal-popolazzjoni f'għadd ta' Stati Membri baqa' prattikament l-istess f'dawn l-aħħar snin.
16. Skont riċerka reċenti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) li ffukat fuq għaxar pajjiżi Ewropej, 52 % tal-unitajiet domestiċi Rom jesperjenzaw privazzjoni ta' akkomodazzjoni meta mqabbla ma' 17 % tal-bqija tal-popolazzjoni tal-UE. 82 % tar-Rom jgħixu f'unitajiet domestiċi li huma ffullati żżejjed u 22 % jgħixu fi djar mingħajr ilma ġieri meta mqabbla ma' 1.5 % tal-popolazzjoni ġenerali. 24 % esperjenzaw diskriminazzjoni kontra r-Rom meta kienu qed ifittxu akkomodazzjoni.⁵ Stħarriġ preċedenti tal-FRA li sar f'sitt Stati Membri oħra fl-2019⁶ wera xejra simili ta' diskrepanza f'termini ta' privazzjoni ta' akkomodazzjoni esperjenzata minn Rom u minn dawk li mhumiex Rom.
17. Id-data tinġabar f'kuntesti nazzjonali, f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali u leġislattivi nazzjonali kif ukoll b'kunsiderazzjonijiet politiċi u etiċi, għall-fini tal-analiżi tal-politiki pubbliċi li jindirizzaw id-diversi forom ta' diskriminazzjoni u kwistjonijiet oħra li jaffettwaw il-popolazzjoni tar-Rom, fosthom l-esklużjoni rigward l-akkomodazzjoni. Madankollu, tali data mhux dejjem tkun definita tajjeb biżżejjed u mhux dejjem tirrifletti s-sitwazzjoni attwali kollha fil-prattika fl-Istati Membri differenti.

⁵ FRA, *Roma in 10 European Countries* (Ir-Rom f'Għaxar Pajjiżi Ewropej) (2022). (Ir-rapport ikopri l-Istati Membri li ġejjin: il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja u l-Ungerija.)

⁶ [FRA, *Roma and Travellers in six countries* \(Ir-Rom u t-Travellers f'sitt pajjiżi\) \(2020\).](#) (Ir-rapport ikopri l-Istati Membri li ġejjin: il-Belġju, Franza, l-Irlanda, l-Iżvezja u n-Netherlands, kif ukoll l-Istat Membru preċedenti r-Renju Unit.)

18. Il-valuri tal-UE jistgħu jipprevalu biss f'soċjetà li tirrispetta d-diversità, il-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u li l-Istati Membri għandhom jiggarrantixxu dawn il-valuri għall-persuni kollha, inkluż ir-Rom.
19. Il-parteciċipazzjoni sħiħa u attiva u l-inklużjoni tar-Rom fis-soċjetà u l-miżuri biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni jtaffu b'mod sinifikanti l-isfidi relatati mas-sitwazzjoni tal-akkomodazzjoni tagħhom, inkluż problemi li jirriżultaw minn preġudizzju min-naħa tal-bqija tal-popolazzjoni. Prijorità ewlenija f'dan ir-rigward hija li jiġi żgurat l-aċċess ugwali u effettiv għall-impjiegi u għas-servizzi universali bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, il-protezzjoni soċjali u l-kura tas-saħħa.
20. L-"antiżingariżmu" huwa forma ta' razziżmu b'firxa notevoli, li jaf l-oriġini tiegħu fil-mod kif is-soċjetà inġenerali tqis u tittratta lil dawk li tarahom bħala "żingari" fi proċess bi storja ta' "alterizzazzjoni", imsejjes fuq sterjotipi u attitudnijiet negattivi li jista' jkun li xi drabi ma jsirux intenzjonalment jew konxjament. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kollha rrikonoxxew l-antiżingariżmu bħala ostaklu għall-inklużjoni, u għalhekk l-importanza li dan jiġi indirizzat.⁷
21. Forom multipli ta' diskriminazzjoni jaggravaw l-antiżingariżmu, li jfisser li persuna tista' tiġi diskriminata abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika tagħha, u simultanjament, abbażi tas-sess, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħha.
22. Is-segregazzjoni tal-komunitajiet Rom xi drabi hija aggravata mill-fenomeni magħruf bħala "ġentifikazzjoni", li jista' jwassal lill-individwi u lill-familji b'introjtu baxx jitolqu minn żoni b'żieda sinifikanti fil-prezzijiet tal-proprjetà.

⁷ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteciċipazzjoni tar-Rom (2021), paragrafu 2.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA LI:

23. Għadd ta' Rom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex ikollhom aċċess għal akkomodazzjoni adegwata, għal raġunijiet bħall-vulnerabbiltà soċjali u ekonomika u d-diskriminazzjoni fl-aċċess għall-akkomodazzjoni, li jillimitaw ħafna membri ta' din il-komunità għal akkomodazzjoni ta' kwalità fqira f'insedjamenti segregati. Il-kwalità tal-akkomodazzjoni għandha impatt dirett sinifikanti fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-opportunitajiet tal-ħajja, l-aċċess għall-edukazzjoni u, b'mod ġenerali, l-ugwaljanza tal-opportunitajiet għar-Rom, speċjalment għat-tfal. L-aċċess ugwali għal akkomodazzjoni adegwata huwa prerekwiżit għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet fundamentali, kif ukoll għal ħajja dinjituża. Meta jiġu implimentati l-politiki tal-akkomodazzjoni għar-Rom, il-qafas rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem jeħtieġ li jiġi rrispettat.
24. L-ostakli li l-persuni Rom sikwit jiltaqgħu magħhom meta jfittxu aċċess għal akkomodazzjoni adegwata jsaħħaħ iċ-ċirku vizzjuż tal-faqar interġenerazzjonali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Dan jillimita l-istennija tal-għomor u jfixkel il-koeżjoni soċjali.
25. Minkejja l-istrumenti politiċi, finanzjarji u legali eżistenti u l-isforzi li diġà saru biex jiġu indirizzati l-inugwaljanza u l-privazzjoni ta' akkomodazzjoni esperjenzati mir-Rom, l-inugwaljanzi fl-aċċess għall-akkomodazzjoni għar-Rom għadhom jippersistu f'għadd ta' Stati Membri. Għalhekk importanti li dawn l-inugwaljanzi jiġu rimedjati u li jiġi żgurat aċċess għal akkomodazzjoni adegwata għall-komunitajiet Rom.
26. L-istrumenti finanzjarji tal-UE, flimkien ma' sorsi ta' finanzjament nazzjonali, reġjonali u lokali, għandhom jintużaw kif xieraq biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni u jappoġġaw il-proċess tal-qerda tas-segregazzjoni tal-akkomodazzjoni li tirriżulta mid-diskriminazzjoni jew mill-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, importanti li jinbdew u jiġu implimentati programmi ffukati li jindirizzaw l-akkomodazzjoni inadegwata, u sfidi oħra soċjali u ekonomiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom ir-Rom.
27. Il-kisba ta' riżultati effettivi teħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn id-diversi partijiet ikkonċernati, li kull waħda minnhom tikkontribwixxi għarfien espert fil-qasam ta' kompetenza tagħha, b'mod partikolari fil-livell lokali, fejn xieraq.

28. Importanti li jiġu żgurati l-konsultazzjoni u l-involviment tal-membri tal-komunitajiet Rom u tas-soċjetà ċivili li taħdem favur ir-Rom fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki kollha mmirati speċifikament lejn il-ġlieda kontra s-segregazzjoni fl-akkomodazzjoni u d-diskriminazzjoni kontra r-Rom.
29. Il-kooperazzjoni tranżnazzjonali u t-tagħlim reċiproku huma essenzjali fil-proċess tal-qerda tas-segregazzjoni tal-akkomodazzjoni tar-Rom, inkluż sabiex jittejjbu l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni għar-Rom nomadiċi fl-Istati Membri fejn jeżistu dawn il-komunitajiet, kif ukoll ir-Rom li jivvjaġġaw madwar l-UE u li jieħdu opportunitajiet ta' impjieg staġjonali jew għal żmien qasir.
30. Dawn il-Konklużjonijiet jibnu fuq il-ħidma preċedenti u l-impenji politiċi tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni u fuq il-ħidma ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inkluż id-dokumenti elenkati fl-Anness.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, skont il-kompetenzi u ċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom, BLEX:

31. F'konformità mal-istrateġiji nazzjonali rispettivi tagħhom għar-Rom, jieħdu miżuri konkreti biex itejbu s-sitwazzjoni tal-akkomodazzjoni tar-Rom u jeqirdu s-segregazzjoni tal-akkomodazzjoni fejn jeżistu insedjamenti segregati tar-Rom. Diversi għodod finanzjarji huma disponibbli għal dan l-għan, inkluż l-FSE+, il-FEŻR u l-programmi ta' żvilupp rurali fil-livell nazzjonali u dak reġjonali, kif ukoll strumenti u inizjattivi ta' NextGenerationEU u InvestEU. Importanti li tiġi żgurata komplementarjetà effettiva fl-użu ta' diversi sorsi ta' finanzjament.

32. Jiddedikaw riżorsi finanzjarji adegwati biex jistabbilixxu, iżommu jew itejbu l-infrastruttura kif meħtiegħ f'distretti żvantaġġati f'termini ta' servizzi essenzjali bħat-trasport, l-ilma u s-sanità, is-sistemi tad-drenaġġ, in-networks diġitali, u l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u privati bħall-ġbir tal-iskart, iċ-ċentri tas-saħħa, l-iskejjel, id-dawl, l-elettriku, il-gass, u n-networks tal-komunikazzjoni inkluż il-konnessjonijiet tat-telefown u tal-internet, filwaqt li jitqies l-użu ta' teknoloġiji innovattivi, diġitali u ekoloġiċi. L-interventi kollha għandhom ikunu akkumpanjati minn miżuri attivi ta' desegregazzjoni.
33. Fejn ir-Rom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet meta jfittxu l-benefiċċji ta' politiki universali ta' akkomodazzjoni, jimplimentaw inizjattivi ta' akkomodazzjoni għall-komunitajiet vulnerabbli tar-Rom, kif ukoll għal komunitajiet vulnerabbli oħra, u jinkludu salvagwardji u kriterji ta' inklużività fl-istrateġiji nazzjonali għall-inklużjoni tar-Rom.
34. Joffru informazzjoni u taħriġ dwar it-trattament indaqs u l-ġlieda kontra l-antiżingariżmu u d-diskriminazzjoni lill-persunal rilevanti tas-servizzi tal-akkomodazzjoni u f'setturi oħra bħas-servizzi soċjali, l-edukazzjoni, l-impjiegi u s-servizzi tas-saħħa, u f'amministrazzjonijiet lokali.
35. Jiżguraw il-parteciġazzjoni tal-familji li jgħixu f'insedjamenti żvantaġġati fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Ikomplu din il-ħidma id f'id mas-soċjetà ċivili Ewropea tar-Rom u jagħtu attenzjoni partikolari lill-importanza li jiġu involuti ż-żgħażaġħ Rom u n-nisa Rom fit-tfassil tal-politika, filwaqt li jiżguraw il-parteciġazzjoni tar-Rom fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli amministrattivi u governattivi kollha, abbażi a' trattament ugwali.
36. Jidentifikaw riżorsi finanzjarji disponibbli tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali biex tiġi appoġġata l-qerda tas-segregazzjoni tal-akkomodazzjoni li taffettwa lir-Rom.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI U LILL-ISTATI MEMBRI, biex f'kooperazzjoni mill-qrib, u skont il-kompetenzi u ċ-ċirkostanzi nazzjonali rispettivi tagħhom:

37. Ikomplu jużaw il-Portafoll tal-Indikaturi tal-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom⁸ u jaħdmu biex jilhq u l-miri fil-livell tal-UE li jinsabu fil-Qafas, inkluż, fejn rilevanti, miri kwantitattivi u/jew kwalitattivi fl-Oqfsa Strateġiċi Nazzjonali tagħhom għar-Rom. L-indikaturi jistgħu jiġu diżaggregati, fost l-oħrajn, skont is-sess, l-età u d-dipendenza jew l-istatus ta' diżabbiltà, fost kriterji oħra, u ddefiniti flimkien mal-atturi rilevanti, inkluż ir-rappreżentanti tar-Rom, sabiex jikkontribwixxu għall-monitoraġġ sistematiku tal-implimentazzjoni tal-Oqfsa Strateġiċi Nazzjonali tar-Rom u għall-qerda tas-segregazzjoni tal-akkomodazzjoni li taffettwa lir-Rom.
38. Jappoġġaw u jagħtu s-setgħa lis-soċjetà ċivili tar-Rom biex taċċessa riżorsi finanzjarji tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali bħalma jagħmlu partijiet ikkonċernati oħra, sabiex jissaħħu l-istrutturi ta' rappreżentanza tagħha, kif ukoll il-kapaċità tagħha li tkun involuta b'mod attiv fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, b'kundizzjonijiet ta' trattament ugwali, b'attenzjoni partikolari għall-importanza li jiġu involuti ż-żgħażaġħ Rom u n-nisa Rom fit-tfassil tal-politika.
39. Jiżguraw, f'konformità mar-regoli applikabbli, il-monitoraġġ effettiv tal-programmi u tal-istrumenti ta' nfq li għandhom l-għan li jrawmu d-desegregazzjoni tal-komunitajiet Rom.
40. Jappoġġaw il-funzjonament effettiv tal-punti ta' kuntatt nazzjonali tar-Rom u l-involvement tagħhom fit-tfassil tal-politika fil-livelli kollha, inkluż fir-rigward tal-akkomodazzjoni.

⁸ Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteciġazzjoni tar-Rom (2021), paragrafu 38 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Unjoni ta' ugwaljanza: Qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteciġazzjoni" (2020), Anness 2.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI:

41. Tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex fejn jeżistu l-problema tas-segregazzjoni u l-privazzjoni, jindirizzawhom f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom (2021) u, fejn rilevanti, jikkunsidraw ir-"riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni tal-persuni Rom li jgħixu f'insedjamenti fl-UE", kif ukoll il-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni għall-2020-2030, inklud billi jikkunsidraw u jappoġġaw kif xieraq l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE investiti fl-akkomodazzjoni u fl-infrastruttura.
42. Trawwem azzjonijiet konkreti biex tiggarantixxi aċċess effettiv u reali għar-Rom għal akkomodazzjoni mhux segregata, filwaqt li tadotta approċċ li jirrikonoxxi li persuna tista' tiġi ddiskriminata abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika tagħha, u simultanjament, abbażi tas-sess, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħha, u b'attenzjoni partikolari għaż-żgħażagħ u t-tfal, kif ukoll għall-vittmi ta' kwalunkwe forma ta' vjolenza kontra n-nisa u ta' traffikar ta' bniedmin.
43. Trawwem il-kooperazzjoni tranżnazzjonali u l-kondiviżjoni ta' prattika tajba bejn l-Istati Membri.

Referenzi

1. Kunsill Ewropew

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (23/24 ta' Ġunju 2011) EUCO 23/1/11 REV 1, p. 13

2. Leġislazzjoni tal-UE

Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità (ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22)

Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1.)

Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forum u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali. (ĠU L 328, 6.12.2008, p 55.)

3. Kunsill

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteciċipazzjoni tar-Rom (ĠU C 93, 19.3.2021, p. 1)

4. Kummissjoni

Komunikazzjoni "Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteciċipazzjoni" (COM(2020) 620 final)

Anness II għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Portafoll ta' indikaturi

Komunikazzjoni "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025" (6678/20)

5. Parlament Ewropew

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2022 dwar is-sitwazzjoni tal-persuni Rom li jgħixu f'insedjamenti fl-UE (2022/2662(RSP))

6. Kumitat tar-Regġuni

Opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni: Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteciċipazzjoni, 2021

7. Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

Roma in Ten European Countries (Ir-Rom f'Għaxar Pajjiżi Ewropej), 2022.

Roma and Travellers in six countries (Ir-Rom u t-Travellers f'sitt pajjiżi), 2020

8. Oħrajn

Id-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar (21 ta' Ġunju 2021)

Kawża ta' Oršuš u Oħrajn vs Il-Kroazja. Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB)

Rapport finali mis-Sur Alvaro Gil-Robles dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tar-Rom, Sinti u Vjaġġaturi fl-Ewropa (15 ta' Frar 2006)

Artikolu 26 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi

Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali

Artikoli 28 u 30 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal

Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jagħmlu parti minn Minoranzi Nazzjonali, Etniċi, Reliġjużi u Lingwistiċi

Artikoli 1 u 3 tal-Konvenzjoni kontra d-Diskriminazzjoni fl-Edukazzjoni tal-14 ta' Diċembru 1960

Dikjarazzjoni tal-FEANTSA "The Housing Situation for Roma in the EU Remains Difficult" (Is-Sitwazzjoni tal-Akkomodazzjoni għar-Rom fl-UE tibqa' diffiċli)

9. Kunsill tal-Ewropa

Rakkomandazzjoni Nru R (2000) 4 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri dwar l-edukazzjoni tat-tfal Rom/Żingari fl-Ewropa (adottata fit-3 ta' Frar 2000) u l-appendiċi tagħha

Rakkomandazzjoni CM/Rec (2009)4 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri dwar l-edukazzjoni tar-Rom u l-Vjaġġaturi fl-Ewropa (adottata fis-17 ta' Ġunju 2009)

Rakkomandazzjoni Nru 1203 (1993) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iż-Żingari fl-Ewropa

Rakkomandazzjoni Nru 1557 (2002) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa dwar is-sitwazzjoni legali tar-Rom fl-Ewropa